

Brussell, 24 ta' Awwissu 2018  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0302(NLE)**

---

11690/18  
ADD 1

ACP 67  
WTO 218  
COAFR 203  
RELEX 696

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Awwissu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 573 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 573 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2018) 573 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.8.2018  
COM(2018) 573 final

ANNEX

**ANNEX**

**tal-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

## ANNEX

### ABBOZZ

#### DEĊIŻJONI Nru .../2018 TAL-KUMITAT TAL-FSE

**stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra**

**ta' [data]**

**dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), iffirmit f'Abidjan fis-26 ta' Novembru 2008, u applikat fuq bażi proviżorja mit-3 ta' Settembru 2016, u b'mod partikolari l-Artikoli 76, 77 u 81 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni"), u l-att ta' adeżjoni mal-Ftehim ippreżentat mir-Repubblika tal-Kroazja fit-8 ta' Novembru 2017,

Billi:

- (1) Dan il-Ftehim għandu japplika, fuq naħa, għat-territorji fejn japplika it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u bil-kundizzjonijiet innizzla fit-Trattat u, fuq in-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Kosta tal-Avorju.
- (2) L-Artikolu 77(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi fuq miżuri emendatorji li jistgħu jkunu neċessarji wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja, bħala Parti tal-Ftehim, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, għandha tadotta rispettivament u tiegħu nota tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tal-Annessi, il-Protokolli u d-Dikjarazzjonijiet mehmuża magħhom.

#### *Artikolu 2*

Il-Ftehim huwa emendat kif ġej: L-Artikolu 81 huwa sostitwit b'li ġej:

#### *"Artikolu 81*

#### **Testi awtentiċi**

Dan il-ftehim huwa preparat f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Estonjan, bl-Ingliż, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, u bl-Isvediż, u kull wieħed mit-testi huwa awtentiku b'mod ugwali."

#### *Artikolu 3*

L-Unjoni għandha tikkomunika lill-Kosta tal-Avorju l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Ftehim.

#### *Artikolu 4*

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom japplikaw għal merkanzija esportata mill-Kosta tal-Avorju lejn ir-Repubblika tal-Kroazja jew mir-Repubblika tal-Kroazja lejn il-Kosta tal-Avorju, li jikkonformaw mar-regoli ta' oriġini fis-seħħ fit-territorji tal-Partijiet tal-Ftehim u li fit-3 ta' Settembru 2016 kienu fi tranżitu jew f'ħażna temporanja, f'maħżen tad-dwana jew f'żona ħielsa fil-Kosta tal-Avorju jew fir-Repubblika tal-Kroazja.

Għandu jingħata trattament preferenzjali fil-każijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu, soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur, fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 5*

Il-Kosta tal-Avorju timpenja ruħha li ma tagħmel ebda pretensjoni, talba jew rikors u li ma timmodifika jew tirtira l-ebda konċessjoni konformi mal-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim **Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ** ("GATT" - General Agreement on Tariffs and Trade) 1994 jew mal-Artikolu XXI tal-Ftehim **Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi** ('GATS' - General Agreement on Trade in Services) fir-rigward tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

#### *Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mal-iffirmar tagħha.

Madankollu, l-Artikoli 3 u 4 għandhom japplikaw mit-3 ta' Settembru 2016.

Magħmul fi xxx,

*Għall-Kosta tal-Avorju*

*Għall-Unjoni Ewropea*